SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 02/K9/19

Data tal-laqgħa: 18 ta' Lulju 2019

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Clayton Luke Mula – Viċi Sindku
Guido Dalli – Kunsillier
Martin John Sultana – Kunsillier
Sean Gauci – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
Patricia Camilleri – Kunsillier
John Agius - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (1)**

Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli (Inc. 4083/2019)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**02.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

02.1.01 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli talbet li tiġi skużata għal waqt il-laqgħa tal-Kunsill minħabba li kienet xogħol. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li tiġi skużata.

**Approvazzjoni tal-Minuti**

02.1.02 Saret korrezzjoni fil-Minuti sabiex il-kliem Triq San Ġorg ħdejn l-Għassa fir-rigward il-bus shelter tintneħħa u jitniżżel kif tinżel minn Triq Wied Għomor.

02.1.03 Fir-rigward l-applikazzjoni għall-kors dwar il-Mental Health għandu jitniżżel ukoll il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul.

02.1.04 Wara l-korrezzjoni li saru, il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ippropona l-approvazzjoni ta' Minuti 01/K9/19.

02.1.05 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri ssekondatu fl-approvazzjoni ta' Minuti 01/K9/19.

02.1.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

02.1.07 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt dwar jekk kienx hemm żvillupp dwar l-ATM f' Ta' Ġiorni. Huwa ġie nfurmat li l-permess min-naħa tal-Planning Authority ser joħroġ mill-aktar fis possibli. Is-Segretarju infurmah li dan il-permess ser jinħareġ qabel it-23 t' Awwissu 2019.

02.1.08 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt dwar il-bankijiet li kellhom jeħlu f' San Ġiljan. Huwa ġie nfurmat li qed nistennew min-naħa tal-MTA sabiex ikunu jistgħu jinġabru u jitwaħħlu.

**Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

02.1.09 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li għamel laqgħa mal-Planning Authority dwar Planning Funds.

02.1.10 Dwar il-proġett tad-DB ġew sottomessi xi tibdil fil-pjanti u l-Kunsill kien ser ikompli jinsisti fuq l-oġġezzjoni. Kien hemm ukoll xi applikazzjonijiet għal żvillupp fil-village core ser terġa ssir

oġġezzjoni, fil-village core ser isiru oġġezzjonijiet, ukoll dwar diversi applikazzjonijiet li saru, dwar The Palms ser issir oġġezzjoni wkoll.

02.1.11 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ser tibda tagħti s-servizz tal-Pressure test u din ser tkun qed isir l-ewwel gimgħa ta' xahar ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill kif ukoll wara nofsinhar ser tibda ssir ġewwa l-Balluta.

02.1.12 Il-Kunsillier Guido Dalli spjega li bdew ix-xogħolijiet fuq il-latrini pubbliċi tal-Balluta. Ser ikun hemm mobile toilets temporanji sakemm ikun hemm il-latrini pubbliċi magħluqin. Ser issir talba lill-Dipartiment tal-Artijiet sabiex il-kamra li hemm ħdejn il-latrini pubbliċi fil-Balluta tiġi *leased* lill-Kunsill.

02.1.13 Is-Segretarju ppreżenta il-proposta għal-ftehim ta' kollaborazzjoni dwar ġbir ta' skart riċiklabli u li kellna proposta waħda mibgħuta mill-Green Pak. Il-Kunsill qabel unanimament li jiġi ffirmat dan il-kuntratt.

**02.2 Risposta tal-Management Letter;**

02.2.01 Is-Segretarju ta spjegazzjoni tar-risposta tal-Management Letter.

02.2.02 Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament mar-risposta tal-Management Letter.

**Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

02.2.03 Intalab li l-monument tal-Qalb ta' Ġesu' jitnaddaf.

02.2.04 Il-culvert li hemm Triq il-Kbira k/m Triq Lapsi għandu bżonn jiġi rranġat minħabba li qed jisfronda.

02.2.05 Il-Kunsillier John Agius qajjem il-punt dwar l-istreamers li kellhom jitneħħew mal-bridge tal-Knisja. Huwa talab li dawn jitneħħew kollha b'mod immedjat.

02.2.06 Il-Kunsillier John Agius qajjem il-punt dwar il-bozza li kella issir fejn l-Ufficcju ta' Francis Zammit Dimech. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li kienet saret talba biex jeħel fanal mal-ħajt ġdid pero kien hemm oġġezzjoni min-naħa tar-residenti minħabba li ħadd ma rieda mal-faċċata tiegħu, għalhekk saret talba sabiex jeħel fanal fuq arblu.

**2.3 Sitwazzjoni ta' l-Indafa fil-Lokalita'**

02.3.01 Iċ-Ċermen ressaq punti dwar is-sitwazzjoni tal-ġbir ta' l-iskart fil-Lokalita. Is-Sur John Agius talab li proposti bħal dawn għandhom jitressqu bil-Malti u mhux bl-Ingliż. Iċ-Ċermen kompla jispjega dawn il-punti li kienu:

1. Li tibda ssir ġabra speċjali filgħaxija mit-Tnejn sas-Sibt f'ċertu żoni. Wara diskussjoni kien hemm qbil li din tiġi attwata mmedjatament sa' l-aħħar ta' Settembru.

2. Ser isir it-tindif u ħasil ġewwa il-Village Core ta' San Ġiljan. Dawn ser ikun qed isiru fil-bidu ta' Awwissu kif ukoll lejn l-aħħar ta' Awwissu viċin il-festa ta' San Ġiljan.

3. Ser isir it-tindif u ħasil ġewwa il-Village Core ta' San Ġiljan. Dawn ser ikun qed isiru fil-bidu ta' Awwissu kif ukoll lejn l-aħħar ta' Awwissu viċin il-festa ta' San Ġiljan.

4. Issemew ukoll il-bring in sites, u kien hemm qbil sabiex issir talba sabiex dawn jitbagħtlu aktar spissi. Kif ukoll kien hemm qbil li dak li hemm fit-Triq ta' Giorni jiġu trasferiti għal Triq il-Baltiku filwaqt li dawk li hemm fil-Balluta jitpoġġew fid-daħla ta' ħdejn il-latrini pubbliċi.

5. Tqajjem il-punt dwar il-bins il-blue tal-ħwejjeġ. Iċ-Ċermen talab li jsir *relocation* ta' dawn il-bins. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li dawn jitneħħew u jitpoġġew fi Triq il-Baltiku taħt il-bridge.

6. Iċ-Ċermen informa li kellu laqgħa ma' l-operaturi fi Pjazza Balluta sabiex l-iskips ta' dawn il-ħwienet jiġu allokati fid-daħla ta' ħdejn it-toilets għas-spejjez ta' l-operaturi stress. Il-Kunsill qabel.

7. Fl-aħħar iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-Cleaning Service Directorate kienet ser terġa toffri s-servizz li l-front jinħasel darba fil-ġimgħa.

02.3.02 Il-Kunsillier John Agius ġie skużat fis-7.20p.m.

**02.4 Traffic Management fil-Village Core**

02.4.01 Minħabba li dan l-item jirrikjedi diskussjoni fit-tul dan ser ikun qiegħed jiġi diskuss waqt il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**02.5 Mozzjoni Tiswijiet u upkeep ta' fanali ġewwa San Ġiljan;**

02.5.01 Minħabba li dan l-item jirrikjedi diskussjoni fit-tul dan ser ikun qiegħed jiġi diskuss waqt il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**02.6 Mozzjoni Transport għall-Anzjani;**

02.6.01 Ser tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**02.7 Talbiet żgħar;**

**02.7.01 Email mingħand Leon Promotions dwar the Malta Internation Folk Festival at St. Julian's (Inc. 3569/19)**

02.7.01.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ċ-Ċermen jiltaqa' miegħu.

**02.7.02 Email dwar PA/02999/19 (Inc. 3703/19)**

02.7.02.01 Il-Kunsill ġie nfurmat

**02.7.03 Email dwar renewed Euro-Afrian Partnership (Inc. 3705/19)**

02.7.03.01 Il-Kunsill ġie nfurmat.

**02.7.04 Email mingħand Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet ta' Tagħlim tul il-Ħajja (Lifelong Learning) (Inc. 3641/19)**

02.7.04.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ser jiltaqgħu ċ-Ċermen u l-Kunsilliera Patricia Camilleri sabiex jiddiskutu dan l-item.

**02.7.05 Email dwar Premju Nazzjonali fil-Qasam tad-Dimensia (Inc. 3736/19)**

02.7.05.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill m'għandu l-ħadd.

**02.7.06 Email mingħand Wasteserv dwar European Week for Waste Reduction (Inc. 3758/19)**

02.7.06.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsillier Sean Gauci ser ikun qiegħed jieħu ħsieba.

**02.7.07 Email mingħand il-GreenPak dwar GreenPak's Local Council Awards (Inc. 3766/19)**

02.7.07.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li japplika għaliha.

**02.7.08 Email dwar proposal for ITALY MALTA partner seach (Inc. 3823/19)**

02.7.08.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din mhux ser issir.

**02.7.09 Email dwar Berlitz Parking Space (Inc. 3834/19)**

02.7.09.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jaqbilx mal-proposta.

**02.7.10 Email mingħand il-GreenPak dwar ntejbu l-indafa f' Pajjiżna (Inc. 3926/19).**

02.7.10.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ssir laqgħa magħhom.

**02.7.11 Email dwar talba għall-permess (Inc. 3893/19)**

02.7.11.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din issir ħdejn il-Happy Days.

**02.7.12 Email mingħand l-Għaqda Dilettanti Knisja ta' Lapsi dwar l-laqgħa li saret.**

02.7.12.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill jaqbel.

**02.7.13 Email dwar Invitation – Primary Health Care programme of Health educational talks (Inc. 3854/19);**

02.7.13.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din jieħdu ħsieba l-Kunsilliera Rita Dimech Portelli flimkien ma' l-Kunsilliera Patricia Camilleri. Il-Kunsill ser ikun qiegħed japplika iżda post u ħinijiet ser ikunu qed jingħataw iktar tard.

**02.7.14 Email mingħand il-Perit tal-Kunsill dwar Skema dwar Restawr ta' Postijiet / Monumenti Storiċi (Inc. 3969/19);**

02.7.14.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li nkelmu l-Perit biex imexxi fuq il-funtana.

**02.7.15 Email dwar wirja ta' vetturi antiki tat-tip mini minors (Inc. 3906/19)**

02.7.15.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din tista ssir wara Awwissu minħabba li ser ikun hemm bar.

**02.7.16 Email dwar Traffic & Pollution reduction Project / Push Scooters (Inc. 3953/19);**

02.7.16.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ser ikun qiegħed jiltaqa miegħu iċ-Ċermen.

**02.7.17 Email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Proġett u Applikazzjoni tal-Group DB (Inc. 4020/19);**

02.7.17.01 Il-Kunsill ġie nfurmat.

**02.7.18** Email dwar clean up the world biex bħala Kunsill ngħatu post. Għaldaqstant ġie deċiż li din issir ġewwa ta' Ta' Glorni.

**02.7.19** Il-Kunsill ġie nfurmat bir-rati l-ġodda tal-allowance tal-Kunsilliera.

**02.7.20** Saret riferenza għall-mwejjed u siġġijiet fi Triq il-Knisja. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ser ikun qiegħed joġġezzjoni.

**02.8 Skeda tal-Pagamenti;**

02.8.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'A)

02.8.02 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

02.8.03 Il-Kunsillier Sean Gauci ssekondah.

02.8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**02.9 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

02.9.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4760 sa 4781. (Ara Appendiċi 'B')

02.9.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**02.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

02.10.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar il-Ħamis 1 t' Awwissu 2019

02.10.02 Il-laqgħa ntemmet fit-8.15p.m.

**IFFIRMATI**

**Dott. Albert Buttigieg**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data: 1 t' Awwissu 2019**